# TFITTXIJA GĦAL ATLANTIS (6)

## Atlantis ta' Platun



JOSEPH SERRACINO




Platun u Aristotli


PLATONIS

TIMAEVS

DDDD.i

Passaġġ mid-djalogu ta' Platun Timaeus bil-Latin (Plato – edizzjoni ta' Stephanus tal-1578, paġni 32-33 mit-tielet volum)

Diversi kittieba kitbu dwar il-gżira ta' Atlantis u dwar l-istorja tal-poplu tagħha. Insibu għadd ġmielu ta' kittieba antiki bħal Diodorus, Kantor, Marcellinus, Plutarch u Herorodus jitkellmu dwarha kif ukoll kitbiet antiki oħra aktarx miktuba mill-Aztec u l-Incas li jitkellmu wkoll dwar l-eżistenza tagħha.

Plutarch kiteb dwar il-kontinent mitluf fil-ktieb tiegħu "Lives" waqt li d-distruzzjoni ta' Atlantis tissemma' wkoll f'"Oera Linda" ktieb Olandiż, maħsub bħala wieħed mill-aktar kotba antiki li nstabu s'issa. Meta wieħed jikkonsidra li ma' dawn il-kitbiet ta' kittieba antiki jeżistu wkoll ċiviltajiet antiki bħal dawk ta' Aztecs u l-Majas li kienu jafu biha, bla ma trid tibda taċċetta l-eżistenza ta' Atlantis.

Iżda forsi l-aqwa kittieb li tant għamel impatt kbir fuq dan is-suġġett kontroversja li huwa Platun, meqjus mill-istudjużi tal-klassiċi bħala wieħed mill-aqwa filosfi Griegi ta' żmienu, u li kitbietu huma meqjusin bħala minjiera ta' għerf kbir. B'danakollu, għalkemm l-istudjużi kbar iqisuh bħala ġenju għall-għerf tiegħu fl-istorja umana, meta jitkellmu dwar din il-gżira kontinent iridu na nemmnu li Platun kien qed jużaha bħala metafora (kitba fejn jitfisser aħjar).

Qabel ma nkompli din il-kitba fuq Atlantis li tissemma' f'wieħed mid-djalogi ta' Platun, naħseb li tkun ħaġa flokha li nfakkar lill-qarrejja kulturali ta' din il-gazzetta min kien dan il-filosfu Grieg.

Platun, li għex bejn 427 u 347 sena qabel Kristu kien ġej minn familja aristokratika Griega u li minn tfulitu rċieva l-aqwa edukazzjoni li setgħet tingħata fi żmienu. F'żgħożitu ltaqa' mal-filosfu Socrates li influwenzalu ħajtu, iżda meta fl-399 qabel Kristu, Socrates ġie kkundannat għall-mewt wara t-telfa ta' Ateni, Platun ta l-ġenb lill-politika u ntefa' b'ruħu u b'ġismu għall-filosofija. Platun li matul ħajtu kiteb għexieren ta' djalogi filosofiċi, miet ta' 80 sena, proprju fiż-żmien li kien għaddej fuq l-aħħar djalogu tiegħu magħruf bħala "Il-Liġijiet".

Iżda tiskantawx meta tisimgħu lil min jgħid li jekk Platun kien l-aqwa filosfu ta' żmienu, Socrates kien meqjus bħala l-aqwa filosfu Grieg ta' kull żmien għax hekk hu! Jingħad li dan il-filosfu kbir kien iħobb jgħallem lill-istudenti tiegħu b'permezz ta' laqgħat ta' taħdit, fejn l-istudent kien jistaqsi u hu jirrispondi. Peress li Socrates sfortunatament ma ħalliex kitba warajh, l-għerf tiegħu twassal lilna permezz ta' xi wħud mill-istudenti fidili tiegħu, b'mod speċjali minn Platun, li biex żgur l-għerf kbir tas-surmast tiegħu (Socrates) jibqa' maħżun f'moħħ il-kotra tal-poplu ta' żmienu, kitbu f'format ta' djalogu, fejn tnejn minnies jew aktar qegħdin jitkellmu u jgħallmu fl-istess ħin. Minn dawn id-djalogi nsibu bosta u kollha jitkellmu fuq l-għerf u l-filosofija.

Fost dawn id-djalogi nsibu lil Timaeus u Critias.

Timaeus u Critias huma żewġ djalogi ta' Platun li jsemmu lil Atlantis. Dawn id-djalogi huma speċi ta' konverżazzjoni bejn Socrates, Herocrates, Timeaus u Critias. B'risposta għal taħdita li Socrates kien għamel ftit qabel dwar is-soċjetajiet ideali, Timeaus u Critias jaqblu li bħala mogħdija taż-żmien jgħidulu (lil Socrates) ġrajja li ma kinitx fittizja iżda storja vera! Din il-ġrajja kienet dwar konflitt li kien ġara 9,000 sena qabel bejn il-Griegi tal-qedem u dawk ta' Atlantis jew Atlantikos.

Sfortunatament, mal-milja tas-snin l-istorja ta' din il-ġrajja kbira kienet intesiet u kien proprju Platun li reġa' taha l-ħajja mill-ġdid wara li kien semagħha mingħand Critias li kien irrakkontahielu bużnannuh Dropides, li min-naħa tiegħu aktarx kien qara l-manuskritt li kien kiteb missieru Solon, wara li dan tal-aħħar kien żar l-Eġittu u sar jaf b'din il-ġrajja minn fomm il-qassisin Eġizzjani.

Fil-fatt, f'dan il-djalogu Critias jagħtina deskrizzjoni ċara ta' Atlantis u l-poplu tagħha kif ukoll dwar l-Ateni tal-qedem waqt li Timaeus jagħtina biss introduzzjoni qasira dwar din il-gżira kbira.

F'dan id-djalogu Platun issemmi lil Atlantis fejn jgħidilna li kienu għaddew 9,000 sena minn mindu saret gwerra bejn dawk li kienu jgħammru barra l-Kolonni ta' Herculis immexxija minn Ateni u dawk 'il ġewwa minnhom immexxija mis-slaten ta' Atlantis, li kienet gżira kbira akbar mil-Libja u li wara din il-gwerra din għebet taħt wiċċ l-ilma.

Minn kitbet Platun jidher ċar li s-sbuħija ta' Atlantis kienet xi ħaġa tas-seħer għaliex fiha jissemmew il-pjanuri mħaddra, l-għelieqi għammiela, l-annimali u t-tjur kienu abbundanti, ix-xmajjar mimlijin bil-ħut u saħansitra jissemmew ukoll il-kukkudrilli. F'dan id-djalogu jissemmew ukoll l-għoljiet, it-toroq, il-palazzi sbieħ u r-rikkezzi li kien fihom, l-istatwi u l-kolonni miksijin bid-deheb tat-tempji maestużi għall-allat tagħhom, il-portijiet u l-bini tad-dgħajjes, il-qima tagħhom għall-gendus, it-tmexxija suprema tas-sultan u li l-prinċpijiet kollha kienu jagħrfuh bħala s-sid tagħhom, il-qawwa tal-armata u l-armonija tat-tmexxija ġusta li dan il-poplu ħawtieli kien jgawdi. Platun jgħidilna wkoll li din il-gżira waslet fi tmiemha meta vulkan żbroffa b'qawwa kbira u kkaġuna terremoti qawwija li wara li heżżu l-art kollha din bdiet tinqasam u tinfetaħ u f'lejl u ġurnata għebet taħt l-ilma.

L-istoriċi jgħidulna li l-qassisin Eġizzjani tal-qedem kienu jħobbu jirrekorjaw b'tinqix ta' diversi forom ta' figuri u simboli l-istorja glorjuża tas-slaten tagħhom, il-gwerer u ġrajjet pajjiżhom kif ukoll il-ġrajjiet kollha li kienu jseħħu madwarhom, u dan kienu jagħmluhom fuq il-ħitan tat-tempji tagħhom u fuq twavel tal-tafal kif ukoll b'kitba fuq il-papiru. Huma kienu jemmnu li b'dan il-mod il-ġrajjiet storiċi li seħħu tul iż-żminijiet f'pajjiżhom u f'dawk ta' madwarhom ma jintilfu qatt u b'hekk il-ġenerazzjonijiet ta' warajhom isiru jafu bil-kobor ta' ġenshom. Jingħad li l-Griegi, magħrufin għall-istorja antika tagħhom u għall-ħassieba kbar li kellhom kienu tilfu bosta mill-kitbiet ta' ġrajjiethom bid-dilluvju għax kienu miktubin fuq il-karti u li wara reġgħu saru jafu bihom mingħand l-għorrief Eġizzjani.

Solon li għex 590 sena qabel Kristu u li fi żmienu kien magħruf bħala poeta u leġiżlatur f'waħda miż-żjajjar li għamel fl-Egittu żar it-tempju ta' Neith fil-belt ta' Sais fejn hemmhekk iltaqa' mal-qassis il-kbir Eġizzjan Psonchis u dan irrakkontalu ġrajjiet il-qedem tal-Greċja, meta l-gwerrieri Ateneni kienu rebħu gwerra kbira kontra qawwa tal-gżira ta' Atlantide li kienet tinsab fil-Baħar Pelagos fil-Punent tal-Mediterran. Psonchis irrakkontalu wkoll li din it-telfa ġiet segwita b'katakliżma tal-biża' li għarrqet lill-Atlantis, u li minnha ma fadal xejn għajr xi gżejjer żgħar li għadhom jgħumu f'wiċċ fl-ilma.

Peress li kif aċċennajt qabel Socrates ma ħalliex kitba warajh, it-tagħlim kollu li għallem dan il-filosofu kbir twassal lilna permezz ta' Platun. Wara l-mewt ta' Socrates, Platun żar l-Eġittu ma' wieħed mid-dixxipli tiegħu Krantor u hemmhekk iltaqa' mal-qassisin Eġizzjani li ħaduh fit-Tempju ta' Neith u wrewh l-istorja tal-ġrajja minquxa fuq il-kolonni tat-tempju. B'hekk huwa kkonferma li l-istorja tal-manuskritt miktub minn Solon kienet ġrajja li seħħet tassew! Iżda mid-dehra f'kull żmien kien hawn studjużi li ma jaċċettawx kulma jingħad!

Wieħed minn dawn l-istudjużi kien il-filosfu Grieg Aristotle li kien iqis din il-ġrajja bħala waħda fittizja. B'danakollu bosta awturi oħra Griegi, Rumani u Nsara aċċettaw l-eżistenza, l-istatus u l-għarqa ta' Atlantikos kif abbozzata minn Platun.

*Ikompli f'ħarġa oħra*